MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2011

Numru 756/2011

**IL-PULIZIJA**
**(Spt. Jeffrey Cilia)**

**vs**

**ANTON VASSALLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anton Vassallo, bin Carmelo u Rose neé Pullicino, mwieled Pieta’ nhar it-23 ta’ Settembru 1978, residenti 20, Sqaq San Vincenz, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 495978(M) li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-23 ta’ Gunju 2011, ghall-habta ta’ l-4.30am, fl-Imriehel, ikkommetta serq ta’ somma flus kontanti u hwejjeg minn gol-hanut ‘Outta Kontrol’ fi Triq Notabile Imriehel, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur

li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment tal-kumpanija Time International Sports Ltd u/jew George Amato;

2. Talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Mejju 2003, fiz-Zejtun, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Ford Cortina minn go Triq Gius Caruana Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) li sar ghad-detriment ta' Roberto Dimech;

3, Talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Mejju 2003, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' somma flus kontanti u video recorder minn gol-hanut 'Tal-Lira' fi Triq il-Katidral Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Patrick Pellegrini;

4. Talli nhar is-27 ta' Mejju 2003, ghall-habta ta' 1.30am, f'Hal Qormi, ikkommetta serq ta' cash register u somma flus kontanti minn gol-hanut 'Joe's Confectionery' fi Triq Anici Hal Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Joseph Zammit;

5. Talli nhar is-27 ta' Mejju 2003, ghall-habta ta' 4.00am, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' somma flus kontanti u tmien grossos sigaretti minn gol-hanut 'Wellworth Take Away' fi Triq Sant'Andrija San Giljan, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Carmelo Azzopardi;

6. Talli nhar is-27 ta' Mejju 2003, ghall-habta tas-2.00am, f'San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq minn gol-hanut 'Cork's Bar' fi Triq il-Kullegg l-Antik San Giljan, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta'

tieghu,u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin u bil-valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Claude Borg;

7. Talli f'xin hin matul il-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Mejju 2003, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' cash register, somma flus kontanti u fliexken tax-xorb minn gol-hanut 'Tini Cafe' Bar' fix-Xatt ta' Qui-si-Sana Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Carmelo Demicoli;

8. Talli nhar id-29 ta' Mejju 2003, ghall-habta ta' 4.00am, f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' somma flus kontanti minn gol-hanut 'Tower of London Saloon' fi Triq Tigne Sliema, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jaccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar ghad-detriment ta' Carmel Bajjada;

9. u aktar talli fl-istess dati, hin u cirkostanzi, f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

10. u aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil-hwienet hawn fuq imsemmija, liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin ewro (€1,164);

11. u aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

12. Talli nhar it-3 t'Ottubru, 2001, ghal habta ta' l-4.00 ta' filghodu f'Marsaskala, ikkommetta serq ta' somma flus kontanti u oggetti ohra minn go hanut bl-isem 'Don Giovanni Cafeteria' fi Triq Marina Marsaskala liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jaccedix l-

elfejn, tlett mija disgha u ghoxrin ewro (€2329) u li sar a detriment tas-sinjura Josephine Bugeja.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-artikoli 41(1), 49, 50, 261 (b), 261 (c), 261 (f), 263, 267, 270, 278(3), 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju 2011, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn naha n-natura tar-reati u minn naha l-ohra l-kooperazzjoni ta' l-imputat mal-Pulizija u l-ammissjoni tieghu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi tenut kont tal-fedina penali tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja hija piena idonea.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1), 49, 50, 261 (b), 261 (c), 261 (f), 263, 267, 270, 278(3), 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbatax-il (14) xahar prigunerija millum.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin biex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu minn kwalunkwe dipendenza fuq id-droga u, jekk hemm bzonn, anke permezz ta' programm opportun

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------